**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
(Spettur Antonello Grech)

**- vs -**

**John Portelli** ta' 75 sena, iben Paul u Carmela xebba Zammit li joqghod 'Calypso Buildings', Marsalforn, limiti ta' Zebbug, Ghawdex.
Karta ta' l-identita' numru 39525(G)

Illum 16 ta' Jannar 2002

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli fis-16 ta' Marzu 2001, fid-9.15a.m. u matul dawn il-granet bhala l-licenzjat tal-'Calypso Hotel', Marsalforn, limiti taz-Zebbug, Ghawdex, fl-istess post, (1) naqas li jzomm il-post fejn jigi preparat l-ikel ghall-konsum il-bniedem, skond il-htigijiet ta' dawn ir-regolamenti hawn taht imsemmija (2) aktar talli espona l-ikel uzat ghan-negozju u ghall-konsum il-bniedem, ghar-riskju ta' kontaminazzjoni "ikel mahzun fi fridges m'humiex mizmuma nodfa u/jew f'kundizzjoni tajba", (3) aktar talli naqas li jzomm l-kmamar fejn jinhadem l-ikel ghall-konsum il-bniedem f'kundizzjoni tajba "madum tal-hajt u madum ta' l-art mkisser u mizmum mahmug", (4) aktar talli naqas li jzomm il-kmamar fejn jinhadem l-ikel ghall-konsum il-bniedem, provduti bi 'flyscreens' u kwalunkwe provediment li bihom ikunu hielsa mid-dbieben u nsetti ohra.

Semghet l-ammissjoni;

Fuq ammissjoni ssibu hati;

Rat il-Kap 231 u l-artikolu 50 ta' l-istess Kap;

Tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' hamsin lira Maltin (Lm50).

Ma taghmel l-ebda provvediment iehor stante li l-imputat ottempora ruhu.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
Skrivana

Vera Kopja

Ghar-Registratur